MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

**Stqarrija għall-Aħbarijiet** | 14 t'Ottubru, 2015

# Il-kontribut tal–Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni lejn it-tagħlim tal-'coding' lit-tfal u l-adolexxenti

Kull sena fix-xahar t'Ottubru, diversi pajjiżi Ewropej jorganizzaw numru ta' attivitajiet mifruxin fuq ġimgħa, bil-għan li jimmotivaw nies minn kull qasam tal-ħajja imiddu jdejhom għall-'coding'. F'dan il-qasam, Malta mhijiex eċċezzjoni u diversi inizjattivi li jippromwovu għarfien dwar il-'coding' isiru matul is-sena kollha. Meta wieħed jikkunsidra l-importanza dejjem tikber tal-'coding' u l-ħtieġa li t-tfal jiġu esposti għal kif jiġi applikat, iktar kmieni din is-sena l-Awtoritá ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA), issieħbet mal-fondazzjoni Irlanadiża CoderDojo biex torganizza programm ta' tagħlim fil-'coding' għat-tfal u l-adolexxenti Iżda, fl-għarfien tal-importanza dejjem tiżdied tal-'coding' u l-ħtieġa li t-tfal jiġu esposti għall-applikazzjonijiet potenzjali tiegħu, aktar kmieni din is-sena l-Awtoritá ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA), issieħbet mal-fondazzjoni Irlanadiża CoderDojo biex torganizza programm ta' tagħlim fil-'coding' għat-tfal u l-adolexxenti . Dan kien possibbli permezz tal-għajnuna ġeneruża taż-żewġ kumpaniji privati li joperaw fil-qasam tal-ICT, Computime Ltd u KPMG Crimsonwing, li offrew is-servizzi tal-impjegati professjonali tagħhom biex ħadu ħsieb iwasslu tagħlim mingħajr ħlas lil numru ta' tfal li jattendu l-kulleġġi San Gorg Preca u Umberto Colosso.

Il-'coding' huwa familja ta' lingwi preżenti fil-programmi tal-kompjuter, iżda mhux neċessarjament dawk li huma strettament marbutin mal-kompjuter, imma jinkludi wkoll kull apparat elettroniku bħal karozza, alarm tas-sigurtá, 'remote controls', eċċ. Dawn huma oġġetti li daħlu sew fil-ħajja ta' kuljum. Għaldaqstant, li titgħallem jew tkun espost għall-'coding' anke sa minn etá żgħira, jgħin biex wieħed jifhem aħjar dawn it-teknoloġiji kif ukoll biex jiżviluppa kapaċitajiet ferm utli f'din l-era ikkaratterizzata mill-preżenza tat-teknoloġija.

L-MCA temmen li permezz tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet fil-'coding' f'età bikrija, it-tfal jistgħu jiġu gwidati lejn karrieri fl-ICT. Meta jiġi kkunsidrat li qed jiġi stmat nuqqas ta' ħiliet speċjalizzati f'dan is-settur, inizjattiva bħal din żgur li tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri tal-Aġenda Diġitali 2020.

Wara l-waqfa tas-sajf, it-tagħlim tal-'coding' lill-adolexxenti fil-kulleġġ Umberto Colosso se jerġa' jibda minn nofs Ottubru bl-għajnuna ta' għalliem volontarju pprovdut minn Computime Ltd. Flimkien ma' numru ta' suġġetti oħra, dan il-kors bażiku fil-'coding' mistenni jtejjeb il-pożizzjoni tal-istudenti fejn jidħlu opportunitajiet ta' taħriġ f'istituzzjonijiet aktar speċjalizzati bħall-MCAST. Għaldaqstant, dat-tip ta' taħriġ huwa element importanti minn programm aktar ħolistiku mmirat biex jipprovdi motivazzjoni lill-istudenti u jħeġġiġhom jissuktaw f'karrieri fl-industrija tal-ICT.

Filwaqt li permezz ta' modi innovattivi tassigura, s-sostenibiltà ta' dan it-taħriġ, l-MCA flimkien mal-imsieħba l-oħra, se tkompli tesplora kif tista' toħloq aktar għarfien dwar il-'coding' f'dinja diġitali bħal tal-lum. Dan minbarra li se testendi l-programmi ta' taħriġ biex aktar tfal u adolexxenti jitħajru jitgħallmu das-suġġett.

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: pr@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840